

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

(2013/100/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni,
- (2) Fisem l-Unjoni, il-Kummissjoni nnegożjat Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") skont il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti

aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan awtorizzat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li jiffirma l-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, skont l-Artikolu 7(2) tal-Ftehim, mid-data tal-iffirmar tiegħu (¹).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

U. ELBAEK

^(¹) Id-data tal-firma tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.